

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1671

tal-24 ta' Awwissu 2023

**li jdaħħal isem fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' orijini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ("Ciliegia di Lari" (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, it-talba tal-Italja biex l-isem "Ciliegia di Lari" jiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup>.
- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-isem "Ciliegia di Lari" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem "Ciliegia di Lari" (IĠP) huwa rreġistrat fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti.

L-isem imsemmi fl-ewwel subparagrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 <sup>(3)</sup>.*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President,*  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 158, 4.5.2023, p. 11.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).